MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Numru. 264/2013

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**John Baptist Degiorgio**

**IL-QORTI**;

Rat li **John Baptist Degiorgio**, ta’ 26 sena, iben Emanuel u Philippa nee’ Grech, imwieled il-Pieta’ nhar l-1 ta’ Lulju 1986, residenti gewwa 39, Triq il-Kavallieri ta’ Malta, Marsaskala u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 295586(M) gie akkuzat talli :

1. nhar is-26 ta’ Novembru 2012, ghall-habta tal- 5pm gewwa Triq il-Kavallieri ta’ Malta, Marsaskala hebbejt ghal Mario Scicluna, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 110073M u kkagunajtlu griehi ta’ natura gravi,

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hebbejt ghal-persuna ta’ Antoinette Scicluna u tajt bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ delitt liema delitt ta’ ferita gravi ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghek.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbejt ghal Antoinette Scicluna, detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 117176M u kkagunajtilha griehi ta’ natura hafifa skond ma iccertifika Dr. A. Baldacchino mic-centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe hsara fuq vettura tat-tip Ford bin-numru tar-registrazzjoni JAP-043, liema hsara tammonta ghal 300 Euro, ghad-detriment ta’ Mario Scicluna u/jew persuni ohra.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 412(C) tal Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-20 ta` Marzu 2013 sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Qieset il-verbal li sar fis-seduta ta` llum stess 14 ta` Ottubru 2014 fejn il-konjugi Mario u Antoinette Scicluna iddikjaraw li kienu qed jirrinunzjaw ghal dak kollu li kien rinunzjabbli, li huma kienu ircevew kumpens a saldu tal-hsarat minnhom sofferti, u li dan kien incident uniku u sfortunat u li llum il-partijiet kollha irrangaw id-differenzi li seta kien hemm bejniethom u regghu ghandhom relazzjoni tajba ma xulxin.

Rat li, fl-udjenza ta’ llum 14 ta’ Ottubru 2014, wara l-qari ta` l-akkuzi bil-gurament u waqt l-ezami, u in linea ma dak ivverbalizzat mill-konjugi Scicluna, saret l-ammissjoni inkondizzjonata minn naha ta` l-imputat, f’liema ammissjoni huwa baqa jippersisti anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u in linea ma dak ivverbalizzat mill-konjugi Scicluna, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex taghti s-sentenza skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali nettissima ta` l-imputat;
b. l-ammissjoni bikrija ta` John Baptist Degiorgio li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;
c. dak kollu ivverbalizzat mill-konjugi Scicluna fl-udjenza ta` llum stess.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-karattru ta` l-imputat, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41, 214, 215, 216, 221, 325(1)(b), u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, (a) tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` l-imputazzjoni numru (3) stante li din giet rinunzjata; u (b) issib lil John Baptist Degiorgio hati ta' l-ewwel, tat-tieni, tar-raba u tal-hames imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u, komplessivament, peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess John Baptist Degiorgio bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` hmistax-il xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil John Baptist Degiorgio fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, u peress illi ma kienx hemm insistenza da parti tal-prosekuzzjoni, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba sabiex jigu applikati l-provvedimenti taht l-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------